



Il-kontrolli fuq il-fruntieri u d-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-art

**EDIZZJONI
KONĊIŻA**

Il-gwida tippreżenta **10 affarijiet x'għandek tagħmel u ma tagħmilx** li jiffokaw fuq ħames oqsma ewlenin:

- ittratta lil kulħadd **b'dinjità**;
- identifika u rreferi l-**persuni vulnerabli**;
- irrispetta l-**bażi ġuridika, in-neċessità u l-proporzjonalità** meta tuża l-**forza**;
- applika s-**salvagwardji meta n-nies jinżammu** fil-fruntieri; u
- irrispetta s-salvagwardji proċedurali u l-**protezzjoni tad-data personali**.

F'din il-gwida xejn ma jirrestrinġi jew jaffettwa b'mod avvers l-istandards u s-salvagwardji applikabbli tad-drittijiet fundamentali.

Din il-gwida hija għall-persunal tal-ġestjoni tal-fruntieri fl-Istati Membri tal-UE li jaħdem fuq livell operazzjonali. Din għandha l-għan li tgħinhom jimplimentaw, fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament (UE) Nru. 2016/399) u l-liġi tal-UE relatata.

1.

ITTRATTA LIL KULL PERSUNA B'DINJITÀ U B'MOD PROFESSIONALI U RISPETTUŻ

+ 1.1.

Iffamiljarizza ruħek ma' espressjonijiet bażiċi

fl-aktar lingwi komuni ta' persuni li jkunu qegħdin joqorbu lejn jew jaqsmu l-fruntiera tal-art.

+ 1.2.

Uża għodod ta' komunikazzjoni faċli biex jinftiehm

(fuljetti, posters jew għodod tal-IT) sabiex tinforma lill-vjaġġaturi dwar in-natura u l-għan tal-kontrolli fuq il-fruntiera.

+ 1.3.

Poġġi informazzjoni dwar kif wieħed iressaq ilmenti,

u l-formoli attwali tal-ilmenti – inklużi verżjonijiet adattati għat-tfal – f'postijiet viżibbli.

+ 1.4.

Wieġeb il-mistoqsijiet

b'mod fattwali u pulit.

+ 1.5.

Ipprovdni l-ewwel għajnuna u rreferi l-persuni li jkunu jeħtieġu kura tas-saħħa urġenti għal servizzi mediċi xierqa.

Iffamiljarizza ruħek mal-partijiet rilevanti tar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa tad-WHO li japplikaw fil-fruntieri (Il-Parti IV). Uża tagħmir protettiv ipprovdut lill-persunal u żomm ruħek aġġornat mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti dwar is-saħħa pubblika.

+ 1.6.

Kun sensitiv

għall-età, il-ġeneru u l-kultura tal-persuna.

+ 1.7.

Illimita l-interferenzi mal-privatezza tal-persuna

– pereżempju, meta jiġu kkontrollati l-oġġetti personali – għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-għan u n-natura tal-kontroll fuq il-fruntiera.

+ 1.8.

Agħti attenzjoni partikolari lill-persuni vulnerabbli.

Aġġusta l-imġiba tiegħek meta tinteraġixxi ma' persuni li jista' jkollhom ħtiġijiet speċjali (eż. it-tfal, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew kriminalità vjolenti oħra, in-nisa tqal, il-persuni b'kundizzjonijiet mediċi, il-persuni b'diżabilità, eċċ.). Kun af li xi persuni jistgħu jkunu trawmatizzati. Ikkonsulta l-**Għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali** f'każ ta' dubju.

+ 1.9.

Informa lill-persuni li jkunu tpoġġew f'faċilitajiet ta' detenzjoni f'punti ta' dħul jew fl-istazzjonijiet tal-pulizija dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċedura applikabbli għalihom.

Agħmel dan mingħajr dewmien, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, f'lingwa li jifhemu. Aqra bir-reqqa l-**Iskeda Informattiva dwar id-Detenzjoni tal-Immigrazzjoni** tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT) sabiex tkun taf is-salvagwardji u l-kundizzjonijiet materjali li għandhom jiġu rrispettati.

+ 1.10.

Kull meta jkun possibbli, aħdem f'xifts b'taħlita ta' rġiel u nisa,

peress li dan irawwem approċċ sensitiv għall-ġeneru.

— *Is-sorsi legali rilevanti: Il-Karta, l-Artikolu 1; Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-premessa 7, l-Artikoli 2 (21), 7 u l-Anness VII.6 (ir-regoli speċjali); Ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG), l-Artikolu 3(1)(a); id-Direttiva Dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar, il-premessa 3; id-Direttiva Dwar ir-Ritorn, l-Artikoli 15-17; Il-Manwal ta' Schengen, pp. 14, 16-17, 5.6 (għall-kontrolli fuq it-tfal); KEDB, l-Artikolu 5(1)(f) u (2); L-Istandards tas-CPT dwar id-Detenzjoni tal-Immigrazzjoni; ir-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa tad-WHO, il-Parti IV; il-QĠUE, Zakaria (C-23/12), is-17 ta' Jannar 2013 Il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar iċ-ċaħda tal-libertà*

2.

TUŻAX IL-FORZA U TIKKONFISKAX IL-PROPRJETÀ SAKEMM DAN MA JKUNX MEĦTIEĠ, PROPORZJONAT U ĠĠUSTIFIKAT SKONT ID-DRITT NAZZJONALI, TAL-UE U INTERNAZZJONALI SABIEX JINTLAĦAQQ GĦAN LEGĠITTIMU

+ 2.1.

Kun af li l-użu tal-forza jista' jkollu forom differenti.

Dawn jinkludu l-użu ta' idejk u ta' ġisimek; l-użu ta' kwalunkwe strument ta' restrizzjoni; l-użu ta' armi, inklużi armi tan-nar; u l-użu ta' klieb jew tagħmir tas-servizz.

+ 2.2.


Agħmel kull sforz raġonevoli sabiex issolvi sitwazzjoni permezz ta' mezzi mhux vjolenti l-ewwel,

inkluż permezz ta' persważjoni, negozjar, jew medjazzjoni.

+ 2.3.

Ħu l-passi kollha meħtieġa

sabiex timminimizza r-riskju ta' korriment u ħsara.



+ 2.4.

Segwi r-regoli dwar l-użu tal-forza u l-armi, b'mod partikolari l-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità u prekawzjoni.

Għall-użu ta' armi u tagħmir speċifiċi, aqra bir-reqqa l-gwida fl-Anness V **tar-Regolament tal-EBCG** (ir-Regolament (UE) 2019/1896) dwar ir-regoli dwar l-użu tal-forza mill-persunal statutorju tal-Frontex.

+ 2.5.

Informa lin-nies li jixtiequ jilmentaw dwar kif jagħmlu dan.

Irreġistra l-ilmenti li tirċievi skont il-proċedura stabbilita.

+ 2.6.

Żomm rekords tal-inċidenti kollha ta' forza użati u tal-oġġetti kkonfiskati kollha, ir-raġuni u l-bażi ġuridika għall-konfiska tagħhom

(eż. evidenza fi proċedimenti kriminali, oġġetti perikolużi, jew raġunijiet oħra), u l-proċedura ulterjuri applikata għalihom.

— *Is-sorsi legali rilevanti: Il-Karta, l-Artikoli 3-4 u 17; **il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**, l-Anness II (ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni); **ir-Regolament tal-EBCG**, l-Anness V (applikabbli formalment għall-persunal statutorju tal-Frontex biss); KEDB l-Artikoli 2-3 u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 1 tal-KEDB, **il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikoli 2-3 u 8**; In-Nazzjonijiet Uniti (NU) **Il-Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu tal-Forza u l-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi**; **il-Kodiċi ta' Kondotta tan-NU għall-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi***

3.

AGĦTI ATTENZJONI LIR-RISKJI TAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI META TIKKOOPERA MA' PAJJIŻI TERZI ĠIRIEN

+ 3.1.

Kun af li hemm limitazzjonijiet stretti fuq il-kondiviżjoni tad-data personali ma' pajjiżi terzi.

Qabel ma taqsamhom, ivverifika li inti qed tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-liġi tal-UE u tal-protezzjoni tar-refuġjati kif deskritt fil-politika tiegħek dwar il-protezzjoni tad-*data*.

+ 3.2.

Informa ruġek

dwar kif l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi ġirien jitrattaw lin-nies li jinterċettaw qrib il-fruntiera esterna tal-UE.

+ 3.3.

Jekk inti responsabbli li tikkomunika informazzjoni operazzjonali lil pajjiżi terzi ġirien,


qabel ma titlobhom jinterċettaw lill-persuni li jkunu qed joqorbu lejn il-fruntiera esterna tal-UE barra minn punt ta' qsim tal-fruntiera, kun ċert li, ladarba jiġu interċettati, ma jiffaċċjawx trattament ħażin, persekuzzjoni jew forom oħra ta' ħsara serja.

+ 3.4.

Jekk il-fruntiera tkun magħluqa,

indika liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jilħqu ċ-ċint u li jixtiequ jitolbu l-ażil kif jistgħu jilħqu post fejn jistgħu jitolbu l-ażil fiżikament b'mod sikur. Ikkunsidra wkoll li tuża sinjali bil-miktub.

— *Is-sorsi legali rilevanti:*
Il-Karta, l-Artikoli 4 u 18;
il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, *il-qari kkombinat tal-Artikoli 3-4 u 13; QEDB, N.T. u N.D. vs Spanja, it-13 ta' Frar 2020*



4.

IDENTIFIKA L-APPLIKANTI GĦALL-AŻIL U PPROTEĠIHMOM MINN REFOULEMENT

+ 4.1.

Tratta kwalunkwe espressjoni ta' biża' jew riskju li jsofri tbatija serja jew persekuzzjoni

jekk jiġi ritornat ta' ċittadin ta' pajjiż terz bħala xewqa li jfittex protezzjoni internazzjonali.

+ 4.2.

Ftakar li kwalunkwe persuna jista' jkollha bżonn protezzjoni internazzjonali, irrispettivament min-nazzjonalità, mill-età jew mid-dehra.

Ma huwiex il-komputu tiegħek li tiddeċiedi jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx jeħtieġ ażil jew le.

+ 4.3.

Fittex b'mod proattiv indikazzjonijiet li ċittadin ta' pajjiż terz jista' jkun jixtieq ifittex ażil,

kif deskritt fl-Għodod Prattiċi Konġunti bejn l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil u l-Frontex għall-Uffiċċjali tal-Ewwel Kuntatt dwar "l-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil". Oqgħod attent għal min hi l-persuna, x'tgħid il-persuna, iżda wkoll għal dak li tosserva. Ġorr il-ktejjeb tal-għodda miegħek.



+ 4.4.

Ladarba tkun identifikajt li ċittadin ta' pajjiż terz ikun jixtieq ifittex protezzjoni internazzjonali, ipprovi informazzjoni dwar kif japplika għall-ażil

f'lingwa li jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem. Uża pittogrammi, speċjalment għat-tfal.

+ 4.5.

Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jesprimi x-xewqa li japplika għall-ażil,

irreferi l-applikant lill-awtoritajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni jew, jekk dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħek, irreġistra l-applikazzjoni b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità.

+ 4.6.

Tirritornax ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu esprimew ix-xewqa li japplikaw għall-ażil.

Identifika kwalunkwe ħtieġa speċjali u rreferi l-persuna lill-atturi li jipprovdu appoġġ.

— *Is-sorsi legali rilevanti:*

Il-Karta, l-Artikoli 18-19; il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati; il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Artikoli 3-4; id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil, l-Artikoli 6 u 8; id-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika, l-Artikolu 2(d) u (f); il-Manwal ta' Schengen, it-Tieni Parti – 12.1 u 12.2 (dawk li jfittxu l-ażil), il-QEDB, M.A. u Oħrajn vs il-Litwanja, il-11 ta' Diċembru 2018

5.

IL-PROTEZZJONI TAL-VITTM TAL-KRIMINALITÀ

+ 5.1.

Kun konxju mill-indikaturi tar-riskju

dwar it-traffikar tal-bnedmin u aġġorna regolament l-għarfien tiegħek.

+ 5.2.

F'każ ta' indikazzjonijiet ta' traffikar tal-bnedmin, hu passi immedjati sabiex tippoteġi lill-vittma/i preżunta/i

u sseparahom mit-traffikant suspettat. Kun af li l-vittmi tat-traffikar jistgħu japplikaw ukoll għall-ażil.

+ 5.3.

Irreferi l-vittmi preżunti tat-traffikar tal-bnedmin għal servizzi ta' assistenza u ta' appoġġ.

L-assistenza u l-appoġġ ma għandhomx ikunu kundizzjonali fuq ir-rieda tal-vittma li tikkoopera mas-sistema ġudizzjarja.

+ 5.4.


Oqgħod attent għall-vittmi ta' reati vjolenti oħra, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Ipprovdi assistenza u appoġġ lill-vittmi f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ rilevanti.

+ 5.5.

Ippreserva kwalunkwe evidenza ta' reat.

— *Is-sorsi legali rilevanti: Il-Karta, l-Artikolu 5; Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-premessa 6 u l-Artikolu 16; ir-Regolament tal-EBCG, l-Artikolu 3 (1) (a) u l-Artikolu 3 (2); id-Direttiva Kontra t-Traffikar, l-Artikolu 11; il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kapitolu IV u l-Kapitolu VII; il-Protokoll tan-NU Kontra l-Kuntribandu*



6.

IL-PROTEZZJONI TAT-TFAL F'RISKJU TA' ABBUŻ JEW VJOLENZA

+ 6.1.

Kun familjari mar-rekwiżiti għat-tfal biex jitleq u jidħlu fil-pajjiż

(eż. il-permess tal-ġenituri jew l-affidavit), kif ukoll ma' kunċetti bażiċi ta' protezzjoni tat-tfal.

+ 6.2.

Informa lit-tfal dwar id-drittijiet u l-proċeduri tagħhom b'mod li jkun adattat għat-tfal.

Agħti prijorità lill-aħjar interessi tat-tfal.

+ 6.3.

Uża l-gwida fil-Manwal Vega tal-Frontex

biex tidentifika u tiproteġi t-tfal f'riskju.

+ 6.4.

Iċċekkja li l-persuni li jakkumpanjaw wild minuri jkollhom id-dritt tal-kustodja fuq,

speċjalment meta adult wieħed biss ikun qed jakkumpanja lill-wild minuri u jkun hemm raġunijiet serji sabiex jiġi suspettat li l-wild minuri seta' tneħħa illegalment mill-ġenitur(i). Osserva u rrapporta kwalunkwe mgħiba mhux tas-soltu mill-wild minuri jew mill-adult(i) li jakkumpanjawh, inklużi sinjali fiżiċi jew emozzjonali.



+ 6.5.

Meta taqbad ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jaqsmu jew qed jippruvaw jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari, tisseparax familji,

ħlief meta dan ikun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-protezzjoni tal-membri tal-familja jew meħtieġ f'każ partikolari għal finijiet ta' investigazzjoni kriminali.

+ 6.6.

Osserva u identifika b'mod attiv kwalunkwe tifel u tifla li qegħdin jivvjaġġaw waħedhom.

l-ċekkja s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) biex tara jekk il-wild minuri huwiex irrapportat bħala nieqes.

+ 6.7.

Jekk, wara l-kontrolli tat-tieni linja, ikun għad hemm dubji dwar il-benesseri ta' wild akkumpanjat jew mhux akkumpanjat,

ikkuntattja lit-tutela responsabbli u/jew lill-awtorità tal-protezzjoni tat-tfal u rreferi l-wild minuri lilhom.

— *Is-sorsi legali rilevanti: Il-Karta, l-Artikolu 24; **il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen**, il-premessa 36 u l-Artikolu 4 (il-klawżola ġenerali ta' salvagwardja tad-drittijiet fundamentali), l-Artikolu 20 (1) u l-Anness VII, il-punti 6.2 u 6.5 (ir-regoli speċjali dwar it-tfal); **ir-Regolament tal-EBCG**, l-Artikolu 3 (1) (a); **il-Manwal ta' Schengen**, it-Tieni Parti – 5.6.3 (il-kontrolli fil-fruntieri fuq it-tfal)*

7.

IRRISPETTA R-REKWIŻITI U S-SALVAGWARDJI PROĊEDURALI

+ 7.1.

Informa lill-vjaġġaturi kollha riferuti għall-kontroll tat-tieni linja, kif ukoll lill-persuni li jkunu waqfu waqt is-sorveljanza tal-fruntiera, dwar in-natura tal-kontroll b'mod professjonali, faċli u b'kortesija.

Agħmel dan b'lingwa li jifhemu jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhemu. Għall-kontrolli tat-tieni linja, informa lill-persuna dwar l-isem jew in-numru ta' identifikazzjoni tas-servizz tal-gwardji tal-fruntiera.

+ 7.2.

Kun ċert li l-kontrolli fil-fruntieri ma jwaqqfux lill-persuni li jgawdu mid-dritt tal-Unjoni ta' moviment liberu

milli jirritornaw lejn il-pajjiż tan-nazzjonalità jew tar-residenza tagħhom.

+ 7.3.

Meta tirrifjuta d-dħul fil-punti ta' qsim tal-fruntiera,

adotta deċiżjoni bil-miktub sostanzjata billi tuża l-formola standard ta' Schengen, li tiddikjara r-raġunijiet preċiżi, fil-fatt u fil-liġi, għar-rifjut.

+ 7.4.

Kun ċert li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jiġi miċħud id-dħul jirrikonoxxi li jkun irċieva l-formola,

b'mod partikolari billi jiffirmaha. Aqra bir-reqqa kwalunkwe kumment li l-persuna żżid mal-formola u, jekk ikun meħtieġ, aġixxi fuqhom.

+ 7.5.

Agħti kopja tal-formola standard mimlija lill-persuna kkonċernata

u kun ċert li tifhem il-kontenut tagħha. Uża interpretu kwalifikat jekk ikun meħtieġ. Iċċara kwalunkwe dubju li l-persuna tista' tesprimi.

+ 7.6.

Informa liċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jiġu miċħuda d-dħul dwar il-proċeduri għall-appell.

Agħmel dan kemm bil-fomm kif ukoll bl-użu tal-formola standard.

+ 7.7.

Agħti lista bil-miktub ta' punti ta' kuntatt li jistgħu jagħtu informazzjoni dwar il-professjonisti li jipprovdu assistenza legali.

Poġġi t-tali lista f'punti viżibbli f'punti ta' qsim tal-fruntiera.

+ 7.8.

F'każ li l-appell jikkonkludi li r-rifjut tad-dħul ma kellux bażi soda, ikkoreġi t-timbru tad-dħul imħassar,

u agħmel kwalunkwe kanċellazzjoni u korrezzjoni meħtieġa oħra.

+ 7.9.

Irreġistra kull rifjut ta' dħul f'reġistru, inklużi r-raġunijiet għar-rifjut tad-dħul.

+ 7.10.

Meta twaqqaf persuni mingħajr dokumenti matul is-sorveljanza tal-fruntieri u titlobhom jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom għaliex ikunu fiż-żona tal-fruntiera,

ikkomunika b'lingwa li preżumibbilment jifhemu. F'każ ta' ostakli għall-komunikazzjoni, uża interpretu kwalifikat.

+ 7.11.

Jekk tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri wara li xi ħadd jinqabad matul is-sorveljanza tal-fruntiera,

hu lill-persuna fl-eqreb stazzjon ta' gwardja tal-fruntiera u wettaq intervista individwalizzata b'lingwa li l-persuna preżumibbilment tifhem. Uża interpretu kwalifikat jekk ikun meħtieġ.

+ 7.12.

Agħti opportunità suffiċjenti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda wara li jaqsmu l-fruntiera haħra

biex iressqu argumenti kontra t-tneħħija tagħhom u jeżaminaw iċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Infurmahom dwar id-dritt tagħhom li jappellaw kontra kwalunkwe deċiżjoni meħuda.

— *Is-sorsi legali rilevanti:*
Il-Karta, l-Artikolu 41; il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-premessa 7, l-Artikoli 4, 13-14 u l-Anness V, il-parti A (ir-rifjut ta' dħul) u l-parti B (il-formola standard); QĠUE, Air Baltic (C-575/12), l-14 ta' Settembru 2014; il-Manwal ta' Schengen, it-Tieni Parti – 1.3 (il-kontrolli fuq il-fruntiera), 8.4, 8.7 (ir-rifjut ta' dħul), u t-Tielet Parti (is-sorveljanza fuq il-fruntiera); QEDB, Hirsi Jamaa u Oħrajn vs l-Italja, it-23 ta' Frar 2012; QEDB, N.T. u N.D. vs Spanja, it-13 ta' Frar 2020 u QEDB, Asady u Oħrajn vs is-Slovakkja, il-25 ta' Marzu 2020.



8.

HU L-PREKAWZJONIJIET KOLLHA MEĦTIEĠA BIEX TIPPROTEĠI D-DATA PERSONALI

+ 8.1.

Kun ċert li kwalunkwe *data* personali, inkluż *data* dwar is-saħħa u *data* sensittiva oħra,

tinġabar u tiġi pproċessata f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

+ 8.2.


Informa lill-vjaġġaturi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom,

inkluż liema *data* tiġi pproċessata, għal liema għan, u min se jkollu aċċess għaliha. Uża fuljetti jew posters sabiex tintfiehem aħjar.

+ 8.3.

Meta tiegħu l-marki tas-swaba' għall-Eurodac, segwi l-gwida

inkluża fil-lista ta' kontroll tal-FRA sabiex taġixxi f'konformità mad-drittijiet fundamentali meta tikseb il-marki tas-swaba' għall-Eurodac [hawnhekk].



+ 8.4.

Meta tieħu l-marki tas-swaba' għall-Eurodac, informa lin-nies b'mod adegwat.

Tista' tuża l-fuljett FRA żviluppat flimkien mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni tal-Eurodac [**hawnhekk**].

+ 8.5.

Informa lin-nies dwar kif jistgħu jaċċessaw u jiksbu kopja tad-data personali tagħhom maħżuna

u dwar liema passi jistgħu jieħdu sabiex tiġi kkoreġuta jew imħassra informazzjoni mhux preċiża jew maħżuna illegalment.

+ 8.6.

Ipprovi lill-vjaġġaturi bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,

inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

— *Is-sorsi legali rilevanti: Il-Karta, l-Artikolu 8; ir-Regolament Ġenerali Dwar il-Protezzjoni tad-Data, il-Kapitolu 3; id-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kapitolu 3; ir-Regolament dwar il-Kontrolli fil-Fruntieri tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) (UE) 2018/1861, il-Kapitolu 9; ir-Regolament Dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija tas-SIS (UE) 2018/1862, il-Kapitolu 16; ir-Regolament Dwar is-Sistema ta' Informazzjoni Dwar il-Viża (VIS) (KE) Nru 767/2008, il-Kapitolu 6; ir-Regolament Eurodac (UE) Nru 603/2013, l-Artikolu 29; ir-Regolament dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) (UE) 2017/2226, l-Artikoli 50 u 52; is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) ir-Regolament (UE) 2018/1240, l-Artikolu 64; ir-Regolamenti tal-Interoperabbiltà (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818, l-Artikoli 47-48; Il-Manwal ta' Schengen, pp. 14, 16.*

9.

IKKOOPERA MAL-KORPI TA' MONITORAĠĠ TAD-DRITTJIET TAL-BNIEDEM U MAL-ATTURI UMANITARJI

+ 9.1.

Kun konxju u rrispetta l-mandat u s-setgħat ta' korpi ta' monitoraġġ nazzjonali, Ewropej u internazzjonali indipendenti, tad-drittijiet fundamentali u tal-aġenziji għall-protezzjoni tar-refuġjati,

kif ukoll ta' organizzazzjonijiet oħra preżenti fil-fruntiera. Agħtihom l-aċċess għall-informazzjoni, għad-dokumenti u għall-persuni skont il-liġi.

+ 9.2.

Ibqa' infurmat bi kwalunkwe gwida maħruġa minn dawn il-korpi

relatata mar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri.

Is-sors legali rilevanti:

ir-Regolament tal-EBCG, l-Artikoli 3 (1) (e), 3 (2) u 110; id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil, l-Artikolu 29; il-Konvenzjoni Ewropea Kontra t-Tortura (ETS Nru. 126), l-Artikoli 2-3.

+ 9.3.

Interagixxi magħhom b'mod kordjali u fi spirtu ta' kooperazzjoni,

filwaqt li rrispetta d-drittijiet għall-aċċess tal-informazzjoni, tad-dokumenti u tal-persuni kif stabbilit fl-istrumenti legali li jistabbilixxu l-mandati individwali tagħhom.

+ 9.4.

Kun konxju mir-rwol tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex

u appoġġahom fit-tweqqif tal-kompiti tagħhom.



10.

HU Ż-ŻMIEN GĦAT-TAGĦLIM U GĦALL- IŻVILUPP

+ 10.1.

Attendi taħriġ dwar id- drittijiet fundamentali,

li jinkludi kif tintuża l-forza, fuq bażi regolari, inkluż permezz ta' eżerċizzji prattiċi u simulazzjonijiet fil-qasam.

+ 10.2.

Ippermetti lill-persunal taħt is-superviżjoni tiegħek jirċievi t-taħriġ meħtieġ,

inkluż dwar l-ewwel għajnuna, kif ukoll dwar is-saħħa u l-benesseri tal-persunal, fuq bażi regolari, sabiex itejjeb kontinwament l-imġiba professjonali tiegħu orjentata lejn is-servizz.


+ 10.3.

Tgħallem, u aġġorna l-għarfien tiegħek

tal-lingwi meħtieġa għat-tweqqi tal-kompiti tiegħek.

Is-sorsi legali rilevanti:

Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Artikolu 16(1); **ir-Regolament tal-EBCG**, il-premessa 51, l-Artikoli 3 (2) u 62; **id-Direttiva Dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar**, il-premessa 25 u l-Artikolu 18 (3); **id-Direttiva Dwar il-Proċeduri tal-Ażil**, l-Artikolu 6 (1).



FRA — AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTJIET FUNDAMENTALI

fra.europa.eu

 facebook.com/fundamentalrights

 twitter.com/EURightsAgency

 linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa, 2022

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

Print ISBN 978-92-9461-859-7
doi:10.2811/10003
TK-01-20-460-MT-C

PDF ISBN 978-92-9461-864-1
doi:10.2811/624255
TK-01-20-460-MT-N

Ikoni/Illustrazzjonijiet: © iStock.com/Marvid; © iStock.com/ Varijanta;
© iStock.com/da-vooda

Il-manuskritt tlesta fl-2020.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea